**MINUTI**

**KUNSILL LOKALI SWIEQI**

**IL-HAMES KUNSILL 2007-2010**

**SEDUTA NUMRU 29**

**IT-TNEJN 1 ta' SETTEMBRU 2009 FL-UFFIĊĊJU AMMINISTRATTIV TAL-KUNSILL FIL-5.00P.M.**

**PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| CARMEN SAID | SINDKU |
| JOSEPH BONELLO | VIĊI SINDKU |
| ALFRED CURMI | KUNSILLIER |
| MARIO FAVA | KUNSILLIER |
| PAUL FENECH | KUNSILLIER |
| GORDON SHEPHARD | KUNSILLIER |

**SKUŻAT**

| | |
|---|---|
| RENE`ROSSINGAUD | KUNSILLIER |

**TALBA**

IS-SINDKU QALET IT-TALBA.

## I APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

1. Il-minuti tas-seduta numru 28 ġew approvati kif emmendati.

2. Il-Kunsillier Curmi ssuġerixxa li l-laqgħa tiġi sospiża għal ftit ħin biex is-Sinjuri Cachia Fearne jagħmlu l-intervent dwar iż-żebra crossing li għandha ssir quddiem ir-residenza tagħhom fi Triq ta' l-Ibrag fil-viċinanza tal-Lukanda Halland. Il-Kunsillier Fenech issekonda. Il-Kunsill qabel.

Il-laqgħa ġiet sospiża fil-5.10p.m. Reġgħet bdiet fil-5.40p.m.

## II PUNTI LI JOĦORĠU MILL-MINUTI

1. Il-Kunsillier Curmi staqsa jekk waslitx xi risposta dwar ic-cint tas-sejjieħ mibni l-barra fi Triq ta' l-Ibrag fil-viċinanza tal-Lukanda Halland.
   Il-Kunsillier ġie nfurmat li l-Perit tal-Kunsill reġa kiteb lill-MEPA b' risposta datata tat-13 ta' Awissu 2009 li sar enforecement notice. Il-Kunsill ġie nfurmat ukoll li s-sidien appellaw. Dan għadu pendenti.

2. Il-Kunsillier Curmi staqsa ukoll dwar l-espropjazzjoni ta' art fi Triq is-Swieqi. Is-Sindku nfurmat li sa issa għad ma waslitx risposta pero' dan is-suġġett ser jiġi diskuss fil-laqgħa li ser ikollu il-Kunsill ma' l-Onor. Chris Said.

3. Il-Kunsillier Curmi staqsa meta ser jiġi nstallat id-dawl ta' wara l-ġnien tas-Swieqi. Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li l-approvazzjoni mill-Enemalta għad ma waslitx pero' aktar il-quddiem fil-laqgħa ser jiġu ppreżentati l-kwotazzjonijiet tax-xogħlijiet, jekk dawn jiġu accettati allura jkun jista' jibdew ix-xogħlijiet ta' trinek fil-bankina.

4. Il-Kunsillier Curmi nforma wkoll li l-ħaddiema ta' l-iskemmel mhux qed ibatlu l-litter bins fi Triq is-Swieqi kif ukoll mhux qed jiġbru dak l-iskart li jaqa' ma' l-art. Is-Segretarju ħa l-inkarigu li jikkomunika mall-kuntrattur.

5. Il-Kunsillier staqsa ukoll dwar jekk waslitx xi risposta ta' meta ser jibdew ix-xogħlijiet tal-culverts li kellhom isiru fi Triq Pedidalwett, Triq il-Gejża, Triq it-Tiben, Triq l-Ilqugħ u Triq il-Qasam kantuniera ma'Triq Sant'Andrija. Is-Sindku wieġbet li għad ma waslitx risposta mid-dipartment pero' saret spezzjoni fit-toroq kollha mill-Perit George Xuereb mill-Ministeru tar-Riżorsi Umani. Dan il-Perit ser jaħdem fuq l-istimi tar-resurfacing kif ukoll l-ippjanar tal-culverts.

**HUGH ZAMMIT** **CARMEN SAID**
**Segretarju Eżekuttiv** **Sindku**

## II PUNTI LI JOĦORĠU MILL-MINUTI (jkompli.......................)

6. Il-Kunsillier Curmi staqsa dwar ix-xogħlijiet ta' zebra crossing fi Triq ta' l-Ibraġ fil-viċinanza tal-Lukanda Halland. Is-Segretarju Eżekuttiv nforma li aktar il quddiem ser jiġu pppreżentati stimi tax-xogħlijiet.

7. Il-Kunsillier Curmi staqsa jekk sarux xi żvilupp fil-proġett ta' Triq il-Keffa. Is-Sindku wieġbet li dalwaqt ser jiġi ippreżentati pjanti preliminarji lill-Onor Chris Said sabiex dan jibda l-proċess ta' devoluzzjoni.

8. Il-Kunsillier Fava staqsa jekk wasalx ir-rapport ta' citazzjonijiet li saru f' dawn l-aħħar 6 xhur. Is-Segretarju wieġeb li r-rapport għad ma wasalx pero' dan diġa ġie ordnat.

9. Il-Kunsillier irraporta diversi abbużi li qed isiru minn sewwieqa fil-one way ta' Triq is-Swieqi. Hu staqsa biex isir rapport lill-Pulizija tad-distrett u anki tinkiteb ittra lill-Kummissarju tal-Pulizija.

10. Il-Kunsillier staqsa jekk waslitx xi risposta dwar l-applikazzjoni li dan il-Kunsill għamel dwar l-iskema Fondi Speċjali. Is-Segretarju wieġeb li għad ma waslitx risposta. Il-Kunsillier staqsa biex tinkiteb ittra lid-direttur tal-Kunsilli Lokali.

## III KOMMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU

1. Is-Sindku resqet għall-attenzjoni tal-Kunsill korrispondenza Memo 48/2009 li titratta dwar Fondi Speċjali. Wara diskuzzjoni, il-Kunsillier Fava issuġġerixxa li għandha ssir applikazzjoni għall-proġett ta' Triq il-Keffa. Il-Kunsill qabel li ssir applikazzjoni, jekk din tiġi aċċettata l-fondi jagħmlu tajjeb għall-imsemmi proġett.

2. Is-Sindku resqet għall-attenzjoni tal-Kunsill korrispondenza dwar ħsarat li ġarrab resident fil-vettura tiegħu waqt li kien qed isuq fil-lokalita'. Dan ir-resident qed jitlob kumpens ta' l-ispejjes. Il-Kunsill ma aċċettax din it-talba minħabba nuqqas ta' evidenza. Il-Kunsillier Fava staqsa x'inhija l-proċedura. Is-Segretarju Eżekuttiv informa li l-proċedura għandha tinkludi rapport mill-Pulizija, ritratti, indirizz eżatt ta' fejn sar l-aċċident u rċevuta għall-ispejjes.

**HUGH ZAMMIT**
**Segretarju Eżekuttiv**

**CARMEN SAID**
**Sindku**

## III KOMMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU (jkompli...........)

3. Is-Sindku nfurmat li kitbet korrispondenza lill-ADT talba għall-Pelikan Lights (Zebra Crossing) fi Triq Sant' Andrija fil-viċinanza tas-Sunrise Inn.
   Il-Kunsillier Fava oġġezzjoni għal din it-talba. Hu sostna li qabel ma saret din it-talba, din kellha tittressaq fil-Kunsill u barra minnhekk jekk din tiġi approvata, tkun qed tikkaġuna periklu immens għal kull min juża din il-crossing. Din ser tkun fi Triq arterja li kull sewwieq isuq b' ċertu velocita' .

4. Is-Sindku staqsiet l-approvazzjoni sabiex jinbidel in-netting li hemm madwar il-ġnien ta' Triq il-Ħemel. Dan tqatta' kollu. Hi rrakomandat li għandu jsir tal-wire bħal dawk li ġie nstallat fil-Gnien F. X. Ebejer. Il-Kunsill approva ix-xogħlijiet.

5. Is-Sindku talbet l-approvazzjoni tal-Kunsill għall-installazzjoni ta' dawl ġdid fit-toroq ta' : Triq il-Ġiżi, Triq il-Giżimin, Triq ta' Ġokondu, Triq l-Inġineer, Triq Pedidalwett kantuniera ma' Triq is-Slielem, Triq is-Swieqi wara l-ġnien, Triq F. X. Ebejer kantuniera ma Triq il-Kwartin.
   Il-Kunsill approva dawn ix-xogħlijiet. Il-Vici Sindku ssekonda.

6. Is-Sindku nfurmat li saret talb ma' l-ADT dwar il-possibilta' ta' residents parking scheme fi Triq Santu Wistin u t-toroq tal-madwar. Sa issa għad ma waslitx risposta. Il-Kunsillier Fava irrimarka li din it-talba qatt ma tresqet fil-Kunsill, il-Kunsillier jaqbel li l-istess talba kellha ssir ukoll fit-toroq tal-madwar.

7. Is-Sindku nfurmat wkoll li saret kommunikazzjoni ma' l-ADT dwar it-tielet fasi tal-one way li ser taffetwa Triq is-Sirk, Triq il-Għajn u Triq il-Gabbillot. Il-Viċi Sindku nforma li hu diġa mar fuq il-post. Il-Kunsill qed jistenna laqgħa mall-ADT. Fl-istess laqgħa ser jiġu diskussi wkoll is-sinjali ta' parkagg fi Triq is-Sidra u Triq is-Sejjieħ.

8. Is-Sindku nfurmat bil-ħtieġa ta' 10 litter bins biex jiġu nstallati l-aktar fin-naħa ta' isfel tas-Swieqi fil-viċinanza ta' Paceville. Il-Kunsill qabel li dawn jiġu ordnati. Il-Kunsiller Curmi ssekonda.

9. Is-Sindku nfurmat li ġiet avviċinata minn resident biex jitlob permess li jopera skola tal-kinder minn Triq il-Għajn. Il-Kunsill ikkonkluda li l-applikazzjoni għal din l-attivita' għandha l-ewwel ssir ma' l-awtoritajiet kompetenti.

10. Is-Sindku nfurmat li l-attivita skolasajf waslet fit-tmiem. Din ser tispiċċa fil-11 ta' Settembru. Is-Sindku ssuġġeriet li għandu jingħata kumpens ta' madwar €200 lill-Kappillan għad-dawl u l-ilma li intuża.
    Il-Kunsill approva. Il-Viċi Sindku ssekonda.

**HUGH ZAMMIT** **CARMEN SAID**
**Segretarju Eżekuttiv** **Sindku**

## III KOMMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU (jkompli............)

11. Is-Sindku nfurmat li kellha kuntatt mas-Supretendent tad-distrett Sharon Tanti. Hi talbet għal aktar sorveljanza tal-pulizija fit-toroq l-aktar fin-naħa ta' isfel tas-Swieqi bejn l-4.00 u s-6.00 ta' filghodu. Is-Supretendent infurmat b'nuqqas ta' pulizija pero' ser tagħmel dak kollu li tista'.

12. Is-Sindku resqet għall-approvazzjoni tal-Kunsill stima tax-xoghlijiet ta' zebra crossing fi Triq ta' l-Ibrag fil-viċinanza tal-Lukanda Halland.

| | |
|---|---|
| Installar ta' arbli u dawl | €2718.05 |
| Qtugħ ta' trinka fit-Triq u Reinstatement Hot asphalt | €1650.00 |
| **Total** | €4360.05 |

Il-Kunsillier Fava ma qabilx li ssir din iż-żebra crossing minħabba l-fatt li Triq ta' l-Ibrag hija Triq dritta u twila. Ir-resident faċilment jista jara t-traffiku kollu li ġej minn kull direzzjoni. Għaldaqstant ikun aħjar li kull min irid jaqsam jistenna sakemm it-Triq tkun vojta minn kull traffiku. Il-Kunsillier sostna li din il-crossing ser tkun bla użu. Wara diskuzzjoni, l-Kunsill ikkonkluda li minħabba li l-ispejjes huwa ammont konsiderevoli kif ukoll mhix priorita, din ma ssirx għalissa.

13. Is-Sindku nfurmat li ġie kkuntatjat l-Enginier Curmi dwar il-progett Energy Saving Scheme, liema apparat ser jiġi nstallat fuq il-bini tal-Kunsill. L-Enginier Curmi ġie inkarigat biex jipprepara d-dokumenti ta' l-offerta.
Il-Kunsillier Fava ssuġġerixxa li l-offerta għandha tinkudi li jsir maintenance agreement li jirrigwardja l-ispezzjoni ta' l-apparat kull sena. Il-Kunsill talab informazzjoni ta' kemm ser idum il-Kunsill biex jirkopra l-ispejjes li ser jagħmel għal din l-iskema.

14. Is-Sindku nfurmat li kellha kuntatt mar-resident minn Cafcaf Lane, Madliena. Dan ir-resident minn spejjes tiegħu għamel ir-resurfacing tat-Triq. Minħabba l-periklu ta' sewqan eċċessiv, dan qed jitlob lill-Kunsill li jiġu nstallati żewġ traffic calmers. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni.

15. Is-Sindku ppreżentat kwotazzjoni ta' tindif ta' culverts fil-lokalita' kollha. Din tammonta għal €3894. Hi talbet l-approvazzjoni tal-Kunsill sabiex dawn jitnaddfu. Il-Kunsill approva. Il-Kunsill Fenech ssekonda.

**HUGH ZAMMIT** — **Segretarju Eżekuttiv**

**CARMEN SAID** — **Sindku**

## III KOMMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU (jkompli...........)

16. Is-Sindku resqett għall-attenzjoni tal-Kunsill, l-istima għal dawl ġdid fi Triq is-Swieqi wara l-ġnien. Din tammonta għal €3408. li tinkludi ukoll it-trinka ta' taħt il-bankina kif ukoll żewġ arbli tat-tip "Wip type". Il-Kunsill approva dawn ix-xogħlijiet. Il-Kunsillier Fenech ssekonda.

**JUM IS-SWIEQI**

17. Is-Sindku nfurmat li l-arranġament għall-attivita' Jum is-Swieqi huwa lesti. Hi nfurmat ukoll li l-palk li fuqu ser ssir is-serata ser jinkera mingħand il-kumpanija Hill mill-belt għas-somma ta' €1048 pero' din l-ispiża ser titħallas mill-Ministru tal-Kultura. Is-Sindku irringrazzjat lil Ministru Cristina għall-intervent u l-ġenerosita' tagħha. Il-Kunsill ukoll irringrazzja lill-Ministri.
Is-Segretarju Eżekuttiv qara l-ispejjes kollha involuti. Dawn jammontaw għal madwar €4000.

Is-Sindku nforma ukoll li parti minn din l-attivita' ser ikun il-maratona li ssir kull Sena fit-toroq tas-Swieqi. Din ser ikun inkarigat minnha is-Sur Noel Muscat. L-ispejjes ta' din il-maratona ser ikunu €350 midalji ta' premju. PA System €145 u frott għall-parteċipanti €47.00. Il-Kunsill approva l-istimi.

## IV RAPPORTI MILL-KUNSILLIERA

**Viċi Sindku Joseph Bonello**

1. Il-Viċi Sindku nforma li l-istima tax-xogħlijiet ta' resurfacing fi Triq tal-Mekkek il biċċa fejn il-bini ġie olterat il-ġewwa biex ikun konformi mal-linji tat-Triq. L-istima tammonta għal €3773.14. Hu informa li inkitbet korrispondenza lil ADT dwar il-possibilta' li din issir mill-aktar fis possibli qabel ma jibdew ix-xhur tax-xita.

2. Il-Viċi Sindku nforma li fi Triq Villa Rosa tħallha materjal mill-kuntrattur Schembri Brothers meta dan kien qed jaħdem fil-viċinanza. Dan il-materjal (construction waste) qed ikun ta' periklu għal culverts li qegħdin quddiem il-viċinanza kif ukoll li ser jiblokka l-passaġġi tal-wied. Hu talab li jiġi avviċinat il-kuntrattur sabiex inaddaf dan il-materjal mill-aktar fis possibli.

3. Il-Viċi Sindku ġibed għall-attenzjoni żewġ mirja miksura fi Triq il-Madliena. Hu talab biex dawn jiġu mibdula.

**HUGH ZAMMIT**
**Segretarju Eżekuttiv**

**CARMEN SAID**
**Sindku**

## IV RAPPORTI MILL-KUNSILLIERA(jkompli................................)

**Kunsillier Alfred Curmi**

4. Il-Kunsillier ġibed għall-attenzjoni problemi ta' spotlights jiriflettu fid-direzzjoni tal-mistiednin waqt l-attivita' Jum is-Swieqi. Hu talab biex jiġi avviċinat il-kuntrattur biex din il-problema ma tiġiex repetuta. Hu talab ukoll li jiġu nstallati tabelli No Parking fuq in-naħa tal-Gnien biex ma jipparkjawx vetturi qabel ma tibda l-attivita'. Il-Kunsillier ġie nfurmat li l-ispettur tad-distrett diġa ġie nfurmat u ser jieħu ħsieb dawn t-tabelli.

5. Il-Kunsillier informa biex fil-laqgħa ta' kull xahar mas-Supretendent u l-Ispettur tad-distrett għandhom jiġi diskussi xi miżuri li ser jieħu l-Pulizija dwar l-attivita' Haloween Night. Hu staqsa biex ikun preżenti għal din il-laqgħa sabiex jispjega fid-dettal dwar il-problemi tas-snin ta' qabel.

6. Il-Kunsillier irrefera għall-artiklu lli deher fil-ġurnal ta' kuljum Times of Malta dwar il-Buddy Bear li kien ingħata lill-Kunsill mill-Ambaxxata Germaniza.
Il-Kunsillier talab l-approvazzjoni tal-Kunsill biex iwieġeb l-artiklu. Il-Kunsill approva.

7. Il-Kunsillier informa li kellu kommunikat mas-Sur Joe Cassar mill-Kunsill Malti għall-iSports dwar il-proġett ta' Triq il-Keffa. Is-Sur Cassar ( CEO) offra li anki lest biex jiltaqa' mall-Perit tal-Kunsill biex jagħti parir tiegħu.

8. Il-Kunsillier talab għall-attendenza tal-Kunsillier fil-laqgħat tal-Kunsill mill-Ottubru 2008 sa Settembru 2009.

9. Il-Kunsillier informa li kellu kuntatti ma Medgraf Ltd dwar il-pubblikazzjoni tal-ħarġa li jmiss tal-magazine tal-Kunsill. Hu ħa l-inkarigu li din is-Sena ukoll jieħu ħsieb din il-pubblikazzjoni. Il-Kunsill ġie nfurmat li din is-Sena l-pubblikazzjoni ser jitkludi 4 paġni aktar mis-Sena li għaddiet.
Il-Kunsillier talab lill-Kunsillieri sabiex dawn iressqu l-materjal tagħhom kmieni kemm jista' jkun biex il-magazine jitqassam fid-djar fl-ewwel jiem ta' Diċembru.

10. Il-Kunsillier Curmi staqsa jekk waslux xi risposti dwar is-sistema dwar Park & Ride. Is-Segretarju Eżekuttiv informa li waslet korrispondenza mill-ADT fejn qed jiġi nfurmat li din ix-xogħlijiet f'din is-sistema ser jibdew mis-Sena d-dieħla.

11. Il-Kunsillier staqsa dwar il-possibilta' li jiżdiedu l-parking bays fi Triq is-Sidra.

**HUGH ZAMMIT** — **CARMEN SAID**
**Segretarju Eżekuttiv** — **Sindku**

**IV RAPPORTI MILL-KUNSILLIERA(jkompli................................)**

12. Il-Kunsillier staqsa jekk ġewx ordnati l-litter bins il ġodda minħabba l-ħtieġa li jiġi nstallat litter bin iehor ħdejn il-bus stop ta' St. Andrews. Is-Segretarju Eżekuttiv informa li l-ordni għal dawn ix-xogħlijiet saret pero' il-Kuntrattur għad ma bdiex ix-xogħol minħabba impenji oħra mill-Gvern Ċentrali.

*IL-Kunsillier Alfred Curmi talab biex jiġi skużat. Ħin: 8.45p.m.*

**<u>Kunsillier Paul Fenech</u>**

13. Il-Kunsillier rraporta li xi residenti fil-viċinanza tiegħu fi Triq is-Sirk qed joħorġu l-iskart domestiku tagħhom tard filgħaxija u anki bejn is-sibt u l-ħadd. Il-Kunsillier ippreżenta ritratti ta' evidenza Gie mitlub biex dawn jiġu infurmati b' ittra.

14. Il-Kunsillier irraporta nuqqasijiet ta' wardens, pereżempju li jagħtu citazzjonijiet lir-residenti maltin pero' ma jagħtux citazzjonijiet lil sidien ta' karozzi barranin li jabbużaw mill-parkaġġ. Il-kunsillier ippreżenta ritratti.

15. Il-Kunsillier qara ittra li irċieva mingħand il-Ministru Cristina dwar il-possibilta' ta' laqgħa bejn it-Team tal-football il gdid Swieqi United Football club) il-Kunsill, kif ukoll il-Ministru inkarigat mill-Isports. Il-Kunsill approva li ssir din il-laqgħa. Il-Kunsillier ħa l-inkarigu li jorganizza din il-laqgħa.

16. Il-Kunsill Fava qabel li ssir din il-laqgħa pero' l-Kunsill ma għandux jikkommetti aktar spejjes peress li dan il-Kunsill diġa ta' l-għajnuna tiegħu kemm setgħa lil dan it-team. Jekk dawn huma fil-bżonn ta' aktar għajnuna, allura għandhom jikkonsultaw ma xi dipartiment tal-Gvern jew xi Ministri.

17. Il-Kunsillier irraporta li fi Triq is-Sirk saru xi xogħlijiet mill-kuntrattur tal-WSC u għad ma sarx ir-reinstatment. Hu talab biex isir kuntatt mill-kuntrattur.

18. Il-Kunsillier irrimarka li l-Kuntrattur tal-ġbir ta' skart mhux qed jiġbor dak l-iskart li jaqqa' fit-Triq. Hu talab biex isir kuntatt mall-kuntrattur.

19. Il-Kunsillier talab ukoll rapport dwar kemm ingħataw citazzjonijiet f' dawn l-aħħar tlett xhur fi Triq is-Sidra kantuniera ma' Triq il-Qasam.

**HUGH ZAMMIT** **CARMEN SAID**
**Segretarju Eżekuttiv** **Sindku**

## IV RAPPORTI MILL-KUNSILLIERA(jkompli................................)

**Kunsillier Gordon Shepherd**

20. Il-Kunsillier ġibed l-attenzjoni li għalkemm inbidel l-iskip fi Triq il-Giżimin dan għandu jinbidel f' wieħed ġdid l-istess kulur ta' dak preżenti. Is-Segretarju ħa l-inkarigu li jikkomunika mall-kuntrattur.

21. Il-Kunsillier informa li sar tindif fi Triq Zejni. Dan sar kif titlob is-Sena, pero' inħoloq dislivel perikoluż. Għaldaqstnat dan għandu jiġi eliminat. Il-Viċi Sindku talab li ssir laqgħa fuq il-post li għalija jkun preżenti s-Sur Simon Cioffi mid-distrett ta' l-infrastruttura.

22. Il-Kunsillier talab li jsir rifreskar ta' sinjali tat-toroq fi Triq is-Sidra u Triq il-Qasam li jinkludu ż-żebra crossing. Dan isiru mill-ħaddiema IPSL.

23. Il-Kunsillier talab biex isiru kuntatti mad-Dipartiment tal-Cleansing biex isir tindif taż-żewġ widien –Wied Għomor u Wied Mejxu.

**Kunsillier Mario Fava**

1. Il-Kunsillier staqsa sabiex isir rifreskar ta' sinjali ta' toroq. Is-Segretarju nforma li dwar dawn ix-xogħlijiet hu diġa għamel kuntatt ma' l-MSD pero' ingħata l-parir sabiex dawn isiru wara li tagħmel l-ewwel xita.

2. Il-Kunsillier talab ukoll sabiex mill-aktar fis jibda t-tindif tal-culverts fil-lokalita' kollha. Is-Segretarju nforma li aktar il' quddiem fil-laqgħa ser jippreżenta l-istimi ta' dawn ix-xogħlijiet.

3. Il-Kunsillier ġibed għall-attenzjoni li f' egħlieqi fiż-żona ta' Victoria Gardens intefa' kwantita ta' fertiliżżant forma ma' munzelli. Dan qed jikkaġuna ħafna irwejjaħ fil-lokalita'. Is-Segretrju ħa l-inkarigu li jikkomunika mad-dipartiment tas-Sanita'.

4. Il-Kunsillier staqsa jekk sarux xi żviluppi dwar l-iskema tal-ħaddiema volontarji mill-ETC li kellhom jiġu ngaġġati mall-Kunsilli Lokali. Is-Segretarju nforma li din l-iskema għad ma ġietx iffinalizata.

**HUGH ZAMMIT** — **Segretarju Eżekuttiv**

**CARMEN SAID** — **Sindku**

## V KOMMUNIKAZZJONI MIS-SEGRETARJU EŻEKUTTIV

1. Impieg ta' skrivana mall-Kunsill.
   Is-Segretarju qara rapport ta' l-interviews li saru biex tintela' l-vakant ta' skrivana mall-Kunsill.
   Hu spjega li saru żewġ interviews ta' żewġ persuni li t-tnejn jaħdmu mall-Kunsill Lokali. Ġie rrapurtat li dawn t-tnejn għandhom esperjenza kbira fix-xogħol tal-Kunsill pero' is-Sinjorina Orietta Masini spikkat aktar. Din dehret aktar ħabrika b'inizjattiva kif ukoll għandha esperjenza kbira fix-xogħlijiet kollha tal-Kunsill. Il-bord ta' l-interviews irrkomanda li din il-persuna pero dawn iż-żewġ persuni jokkupaw skala aktar għolja minn dik li qed jitlob il-Kunsill. Għaldaqstant reġgħet saret sejħa lill-ETC sabiex dawn jerġaw jissottomettu ismijiet ġodda. Sar short listing ta' 4. Is-Segretarju għandu jagħmel kuntatt biex dawn jattendu għall-interviews.
   Il-bord ta' l-interviews kien magħmul mis-Sindku, viċi Sindku, is-Segretarju Eżekuttiv kunsill Swieqi, Ms Helen Walker Kunsill San Giljan u Hector Cassola Kunsill Mtarfa.
   Il-Kunsillier Fava bagħat korrispondenza dwar dan is-suġġett u talab li din tinqara waqt is-Seduta tal-Kunsill u tiġi annessa mal-minuti.

## VI APPROVAZZJONI TA' XIRI U PAGAMENTI.

1. Inqraw il-pagamenti kollha li kienu fuq l-iskeda ta' pagamenti. Dawn kollha ġew approvati.

Billi l-Kunsillieri ma kellhomx aktar x' jiddiskutu, s-Sindku għalqet is-seduta fl-22.10p.m. Sar aġġornament għal nhar it-Tlieta 6 ta' Ottubru 2009 fil-5.00p.m.

| | |
|---|---|
| **HUGH ZAMMIT** | **CARMEN SAID** |
| **Segretarju Eżekuttiv** | **Sindku** |